# SECONDARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

Educational Assessment Unit - Education Division

**IR-RABA KLASSI** **STORJA** ĦIN : Siegħa u nofs

Name ______________________________ Class ______________

**1. Imla l-vojt bil-kliem / frażijiet li ġejjin.**

Kunsill Popolari, Liberta' ta' l-Istampa, ġurijiet, pesta, kolonja, Victoria Lines, Kummissjoni Irjali, is-saħħa pubblika, id-deni rqiq, universal suffrage.

1.1 Mill-Madliena sa Bingemma l-Ingliżi bnew fortifikazzjonijiet imsejħa ______________ (1)

1.2 Għal mija u erbgħa u sittin sena Malta kienet __________________ Ingliża. (1)

1.3 Sa mill-bidu tas-seklu dsatax il-Maltin talbu li jkollhom ____________________________ bi dritt li dan jagħmel il-liġijiet. (1)

1.4 Fl-1947 sar pass kbir 'il quddiem fil-mixja demokratika meta f'Malta daħal id-dritt ta' ____________________________. (1)

1.5 Il-__________________ ta' l-1813 – 1814 qerdet mhux biss il-ħajja ta' bosta nies imma wkoll il-kummerċ. (1)

1.6 Il-Maltin riedu l- ________________________________ ħalli jkunu jistgħu jippubblikaw il-gazzetti u affarijiet oħra. (1)

1.7 Sir Temi Żammit tħabat biex isib minn fejn kien ġej ____________________________ (1) u fl-aħħar huwa sab li l-mikrobu kien jinsab fil-mgħoż infettati.

1.8 Il-Maltin riedu li fil-Qrati tidħol is-sistema tal- ______________________. (1)

1.9 Kull tant żmien il-gvern Ingliż kien jibgħat f'Malta ______________________________ biex tistudja s-sitwazzjoni f'Malta u tagħmel suġġerimenti. (1)

1.10 Biex itejjeb ____________________________________ l-gvern ħa bosta miżuri bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mad-drenaġġ, indafa ta' toroq u ilma. (1)

(Total = 10 marki)

**2. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



2.1 Agħti isem ieħor li kien jintuża f'Malta flok il-kelma ferrovija. ____________________ (2)

2.2 Minn fejn u sa fejn kienet tivvjaġġa l-ferrovija f'Malta? __________________________(2)

2.3 Il-post ta' l-istampa kien _____________________, jiġifieri post fejn tagħmel waqfa l-ferrovija. (2)

2.4 Il-ferrovija kienet magħmula minn kompartamenti differenti msejħin ______________ (2)

2.5 Id-dħul tal-ferrovija f'Malta fl-1883 ġab fix-xejn ħafna mill-mezzi l-oħra ta' trasport. Semmi tnejn minn dawn il-mezzi. (a) ________________ (b) _________________(4)

2.6 X'effett kellha l-ferrovija fuq il-popolazzjoni tal-belt Valletta? ____________________ ______________________________________________________________. (2)

2.7 X'effett kellha l-ferrovija fuq il-popolazzjoni ta'postijiet bħall-Ħamrun u l-inħawi tiegħu? ______________________________________________________________ (2)

2.8 Semmi mezz ieħor ta' trasport li kien jintuża f'Malta fis-seklu għoxrin. ____________ (2)

(Total = 18–il marka)

**3. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

3.1 X' kien jissejjaħ ir-rappreżentant tar-Re jew tar-Regina f'Malta meta din kienet għadha ta' l-Ingliżi? ____________________________________________________ (1)

3.2 Liema kienet l-aħjar kostituzzjoni, dik ta' l-1887 jew dik ta' l-1903? ______________ (1) Għid għaliex. ____________________________________________________ ______________________________________________________________ (2)

3.3 X' tifhem meta tgħid "Pari Passu" fil-kuntest ta' l-edukazzjoni f'Malta? ______________________________________________________________ (2)

3.4 X' tifhem meta tgħid "Free Choice" (Għażla Libera) fil-kuntest ta' l-edukazzjoni f'Malta? ______________________________________________________________ ______________________________________________________________ (2)

3.5 Min kienu l-Anti Riformisti? ________________________________________ ______________________________________________________________ (2)

3.6 Għaliex ngħidu li fl-Ewwel Gwerra Dinjija Malta kienet 'l-isptar tal-Mediterran'?

______________________________________________________________ (2)

3.7 Semmi sehem ieħor li kellha Malta fl-Ewwel Gwerra Dinjija. ____________________

______________________________________________________________ (2)

3.8 Spjega kif Malta gawdiet mill-Gwerra tal-Krimea. ______________________________

______________________________________________________________ (2)

3.9 Agħti żewġ raġunijiet li minħabba fihom faqqa' s-Sette Giugno.

a) ______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

b) ______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

(Total = 20 marka)

**4. Sib dik li ma taqbilx ma' l-oħrajn fil-kuntest Malti u għid għaliex għażilt lilha.**

4.1 1835, 1849, 1887, 1899

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

4.2 L-għana, l-mard, l-Imnarja, il-karnival.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

4.3 In-Niġerja, l-Amerka, il-Kanada, l-Awstralja

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

4.4 Ħamrun, Qrendi, Sliema, Msida.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

4.5 Malti, Taljan, Ingliż, Ċiniż

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

4.6 In-Navy, l-Armata, l-Agrikoltura, l-Air Force

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (3)

(Total = 18–il marka)

**5. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn li ġejjin ħalli turi li taf fuqu jew fuqha fil-kuntest storiku.**

5.1 (kolera) ______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.2 (breakwater) ______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.3 (baċir) ______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.4 (subborg) ______________________________________________

______________________________________________ (2)

5.5 (turiżmu) ______________________________________________

______________________________________________ (2)

(Total = 10 marki)

**6. Ħares lejn l-istampa u wieġeb.**



*Il-Kanun tar-Rinella*

6.1 Kemm jiżen il-kanun ta' l-istampa? ______________________ (2)

6.2 Taħseb li l-kanun kien jibqa' statiku, jiġifieri fl-istess pożizzjoni, jew inkella seta' jdur?

______________ (1) Kif taf? ______________________ (1)

6.3 Għalfejn l-Ingliżi għamlu kanun daqshekk kbir? ______________________ (2)

6.4 Semmi fortizza oħra li bnew l-Ingliżi minbarra dik tar-Rinella. ______________ (2)

(Total = 8 marki)

**7. Agħżel mistoqsija waħda u weġibha forma ta' komponiment**

7.1 Agħżel xi post storiku li żort din is-sena. Dan jista' jkun palazz, fortifikazzjonijiet, fortizza, ġnien, xi dar qadima jew xi post ieħor bħaċ-Chadwick Lakes. Spjega x'rajt, x'tgħallimt, f'liema stat jinsab u jekk jistax isir użu aħjar minnu.

7.2 Qabbel il-ħajja ta' qabel it-Tieni Gwerra Dinjija ma' dik ta' llum. Tista' tikkummenta fuq l-ikel, l-edukazzjoni, djar, servizzi, impiegi u divertiment.

7.3 Spjega x'inhi 'Emigrazzjoni'. Fejn kienu jemigraw il-Maltin fis-seklu dsatax? Għala kienu jemigraw u għala kienu jmorru f'dawk il-postijiet? Qabbel l-emigrazzjoni fis-seklu dsatax ma' dik fis-seklu għoxrin.

7.4 X' taħseb li huma dawk l-affarijiet li lilna jagħmluna Maltin? Ikkummenta fuqhom. Semmi xi effetti li popli barranin iħallu fuq il-Maltin

(16–il marka)